MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 30/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**MOHAMED BACK SAKKA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mohammed Back Sakka ta’ 32 sena, bin Khamis u Monira nee’ Guirat, mwieled Tunisia nhar it- 12 ta’ Dicembru 1976, residenti fil-fond No. 7, Sunrise Court, Triq it-Tamara, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 23051(A);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli nhar is- 27 ta’ Dicembru 2008 ghall- habta ta xi 10.10hrs gewwa Triq Schembri, Hamrun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil- vettura bin-numru tar- registrazzjoni ABQ 769, tal- marka Mitsubishi Colt, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew €116.54 (mija u sittax il- Ewro u hamsa u sebghin centezmu) izda mhux iktar minn Lm 5000( hames mitt Lira Maltin) jew €1164.69 ( elf mija u erbgha u sittin Ewro u disa’ u sittin centezmu) ghad- dannu ta’ Rachelle Back Sakka u dan bi ksur tal- Artikolu 325 (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti giet infurmata li l-imputat u l-parte civile, li huma ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni dibattuti u kumbattuti, sa fl-ahhar waslu fi ftehim biex ma jkunx hemm aktar kawzi kriminali pendenti reciprokament, liema ahbar il-Qorti taccetta b’sens ta’ soljev kbir. F’ din il-kawza, di fatti, il-parte civile ddikjarat li m’ ghandhiex aktar interess fil-kawza, u tixtieq li l-azzjoni tieqaf hawn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
In vista tad- dikjarazzjoni tal- parte civile, din il- Qorti qed tiddikjara dawn il- proceduri ezawriti.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------